# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 27**

**Avviz numru 1155/98/SM**

**Marcus John Scicluna Marshall u "The Vintage Company Limited".**

**vs**

**Philip u Carmela konjugi Mifsud.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

1. **Illi jizgumbraw mill-ghalqa u razzett ta' Gnien Hira limiti tal-Mdina, tal-kejl ta' cirka 23T4S3K u cioe' mill-parti tar-raba li kien jinhadem minn Maria u Joseph Formosa li rrinunzjaw ghall-qbiela tal-imsemmija raba favur l-atturi skond skrittura tat-13 ta' Mejju, 1998, annessa mal-**

**avviz u mmarkata bhala dokument "A" liema art kienet imqabbla lilhom u liema porzjoni ta' art illum hija registrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura f'isem l-attur, u dan fi zmien qasir u perentorju stante li qed jokkupaw din il-porzjoni ta' art u razzett minghajr titolu legali;**

2. **Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Mejju 1998 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;**

3. **Il-valur lokatizzju tar-raba in kwistjoni ma jeccedix mitt Lira Maltin, (LM100.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-19 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

1. **Illi guridikament ma huwiex korrett li jinghad illi l-eccipjenti qeghdin jokkupaw l-istabili de quo minghajr titolu;**

2. **Sekondarjament l-eccipjenti ghandhom titolu validu ta' lokazjoni, kif jigi ppruvat;**

3. **Konsegwentement dina l-Qorti hi inkompetenti "ratione materiae" biex tiehu konjizzjoni tat-talba avvanzata;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi tenut kont ta' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti din il-qorti ghandha ghalhekk tiddetermina qabel xejn din il-problematika hekk sollevata;**

**Illi l-artikolu 4 (1) ta' l-Att Dwar it-Tigdid ta' Kiri tar-Raba', Kap 199, jistabibilxxi s-segwenti:**

**"Bla hsara tad-diposizzjonijiet ta' dan l-Att, meta sid il-kera jkun irid jiehu l-pussess ta' xi raba, jekk il-kerrej ma jkunx ftiehem bil-miktub kemm dwar it-tmiem tal-lokazzjoni u kemm dwar il-kumpens dovut, huwa ghandu japplika lill-Bord permezz ta' rikors…";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi a bazi ta' skrittura datata t-13 ta' Mejju ta' l-1998, l-attur Marcus Marshall ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "The Vintage Company Limited" u Joseph u Maria ahwa Formosa gabillotti ftehmu s-segwenti:**

**1. Illi l-gabillotti msemmija:**

**a. m'ghandhomx jghixu fil-fond mertu ta' din il-kawza;**

**b. m'ghandhomx jahdmu r-raba' meritu ta' din il-kawza;**

**c. irrinunzjaw ghal kull titolu ta' qbiela jew pussess li ghandhom fuq l-istess razzett u raba;**

**d. irritornaw ir-razzett favur il-proprjetarju accettanti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk ghandu jkun ovvju li tali skrittura mhix effettiva erga omnes izda hi limitata ghal dak li effettivament tghid u hadd m'ghandu dritt jaqra aktar minn dak li fil-fatt gie pattwit;**

**Illi del resto dan hu wkoll ampjament indikat fl-istess skrittura fuq riferita meta l-istess socjeta' attrici rrizervat id-drittijiet taghha kontra terzi;**

**Illi ghalhekk din l-iskrittura ma ghandha l-ebda valur fil-konfront tal-konvenuti stante li dawn ma kienux parti minnha;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in oltre l-istess konvenuti qeghdin jallegaw id-drittijiet taghhom ta' qbiela kemm fuq ir-raba' de quo kif ukoll fuq ir-razzett mibni fuqha u jichdu li qed jokkupawhom abbuzivament;**

**Ghaldaqstant, in vista tas-sub artiklu fuq citat tal-Kap 199 tiddikjara li m'ghandiex kompetenza "ratione materiae" biex tiehu konjizzjoni tal-kaz, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**